MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 37/2008

Kawza fil-lista: 19

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta’ April 1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn liema zwieg ma twieldux ulied.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghhom tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

6. Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntratat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett fil-ligi.

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jaqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta’ April 1997 ghandu jigi ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bhala wiehed null u bla effett legali u konsegwentement jigi ordnat illi din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv, izda tali nullita’ hija mputabbli mhux biss ghall-htijiet imputabbli lill-intimat izda wkoll minhabba htijiet imputabbli lir-rikorrenti hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi mhux minnu illi l-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar il-kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi kien il-kunsens taz-zewg kontendenti li kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew minhabba anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti li jwettqu d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi kien il-kunsens taz-zewg kontendenti li kien ivvizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-30 ta’ April 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minn naha tieghu l-konvenut, salv ghall-kawzali bazata fuq l-paragrafu [c], jaqbel mat-talba attrici.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-30 ta’ April 1997 meta allura l-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kellu 22 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tlett snin. Wara sentejn u nofs konvivenza l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet spiccat, u sitt xhur wara, il-konvenut telaq mid-dar konjugali. Fit-30 ta’ Mejju 2000 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mill-provi jirrizulta li, ghalkemm il-partijiet izzewwgu, huma baqghu jghixu il-hajja separata taghhom, anke minhabba l-fatt li l-hinijiet tax-xoghol taghhom kienu differenti, ghax filwaqt li l-attrici kienet tahdem matul il-gurnata, il-konvenut dejjem ried li jibqa’ jahdem bil-lejl, bir-rizultat li l-komunikazzjoni bejniethom bhala konjugi kienet kwazi nezistenti mill-bidu nett.

Fid-depozizzjoni taghha l-attrici tghid li “Ma stajniex nghixu aktar flimkien, konna jien naghmel ghal rasi, u hu jaghmel ghal rasu.” Tghid li l-ispejjez tal-hajja u ta’ l-utilitajiet tad-dar kienet dejjem thallashom kollha hi, u ma kienitx titlob lill-konvenut jikkontribwixxi. Tilmenta wkoll minn nuqqas ta’ commitment da parti tal-konvenut fil-hajja konjugali. Tghid ukoll li huma zammew l-indipendenza taghhom wara z-zwieg fis-sens li “speci jekk irrid naghmel xi haga ma kontx inhoss li ghandi nsaqsih u l-istess haga hu.” Il-konvenut kien jipprokrastina li jipprovaw ghat-tfal.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel in sostanza ma’ dak li xehedet l-attrici, izda jispjega l-affarijiet li kienu jdejquh fiha; u jghid li matul il-konvivenza qasira kienu jiggieldu hafna. Fl-affidavit tieghu jghid li “ghaggilna ghal dan iz-zwieg, u li jiena missni waqaftilha mill-ewwel meta ppressatni biex nizzewweg.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess il-Qorti hija tal-fehema li f’ dan il-kaz jirrizulta fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap. precitat. Il-provi juru fil-mument taz-zwieg il-

partijiet ma gharrfux bizzejjed l-obbligu reciproku li jghixu b' mod li jwaqqfu bejniethom 'a community of love and life'; u wara li zzewwgu rrizulta li kienu nkapaci li jagixxu bhala unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. It-tnejn kienu mohhhom fil-hajja taghhom indipendenti minn xulxin u dan kien ta' ostakolu serju ghalihom biex jghixu l-hajja konjugali bl-obbligi essenzjali taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu precitat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-30 ta' April 1997. L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------